MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 6 ta' Frar 2021 **Ref:** DLAP 037/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** L-Iskema 'Aqra d-Dar' 2021

---

Peress li l-iskema 'Aqra d-Dar' intlaqgħet tajjeb mill-pubbliku, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se testendiha għall-istudenti kollha ta' bejn 3 u 16-il sena. Hekk, issa, l-istudenti kollha tal-primarja, il-medja u s-sekondarja se jkunu jistgħu jissellfu għażla ta' kotba u dawn jitteħdulhom id-dar biex jaqrawhom. F'dan iż-żmien ta' ansjetà minħabba l-pandemija, din l-iskema se tgħin lill-istudenti jsibu wens fil-qari.

Kull student/a jista' jagħżel sa sitt kotba, tlieta bil-Malti u tlieta bl-Ingliż, minn katalgu magħmul apposta skont l-età tal-istudenti, li ssibu billi tagħfas il-ħolqa:
https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Programmes/Aqra-Kemm-Tiflah.aspx

Il-ġenituri jew kustodji li jixtiequ li wliedhom jissieħbu f'din l-iskema jistgħu japplikaw billi jibagħtu l-formola mehmuża lil marouska.falzon-cutajar@gov.mt jew billi jċemplu 25983304.

Il-kotba jitqassmu bil-posta jew bl-idejn mingħajr ebda ħlas. Il-kotba jistgħu jinżammu d-dar sa mhux aktar minn ħames ġimgħat. Wara dan il-perjodu ta' żmien il-kotba jridu jiġu rritornati lill-Aġenzija fl-envelopp ipprovdut. Il-kotba jistgħu jiġu ritornati bil-posta jew billi jitpoġġew f'kontenitur apposta 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa'. F'Malta dan il-kontenitur jinsab barra l-bieb prinċipali tal-bini tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304.



F'Għawdex il-kontenitur 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa' jinsab fuq in-naħa ta' barra taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu tal-Kulleġġ t'Għawdex, fl-Iskola Primarja Ta' Sannat, SNT 9020.




Min ikun irid aktar informazzjoni, jista' jidħol fil-paġna ta' facebook 'Aqra Kemm Tiflaħ' jew jibgħat ittra elettronika lil Marouska Falzon Cutajar f'marouska.falzon-cutajar@gov.mt jew billi jċempel 25983304.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**